REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1239/2012

tad-19 ta' Diċembru 2012

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 121(e), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikoli 15(1) u 20(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 ([2]) jistipulaw li t-tiġieġ iffriżat u ffriżat malajr u ċerti qatgħat tat-tjur friski jistgħu jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni biss jekk il-kontenut tal-ilma ma jaqbiżx il-valuri li teknikament ma jistgħux jiġu evitati, u li jiġu stabbiliti bil-metodi ta' analiżi deskritti fl-Annessi VI, VII u VIII ta' dak ir-Regolament, rispettivament.

(2) L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 543/2008 jistipula li għandhom isiru kontrolli regolari skont l-Anness IX ta' dak ir-Regolament fuq l-assorbiment tal-ilma, jew kontrolli fil-biċċeriji skont l-Anness VI ta' dak ir-Regolament.

(3) L-Annessi VI u VII tar-Regolament (KE) Nru 543/2008 jistipulaw il-valuri tal-limitu għall-kontenut tal-ilma ta' karkassi ta' tiġieġ iffriżati u tiġieġ iffriżati malajr, l-Anness VIII ta' dak ir-Regolament jistipula l-valuri tal-limitu għall-kontenut tal-ilma ta' ċerti qatgħat tat-tjur u l-Anness IX ta' dak ir-Regolament jistipula l-valuri tal-limitu għall-kontenut tal-ilma ta' laħam tat-tjur frisk f'kontrolli dwar l-assorbiment tal-ilma fl-istabbiliment ta' produzzjoni. Dawn il-valuri tal-limitu kollha huma ffissati b'referenza għal tliet metodi ta' tkessiħ definiti fl-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament b'mod partikolari t-tkessiħ bl-arja, it-tkessiħ b'raxx ta' arja u t-tkessiħ b'immersjoni.

(4) Teknoloġiji ġodda wasslu għall-iżvilupp ta' metodi ġodda ta' tkessiħ li għalihom għandhom japplikaw l-istess regoli bħal dawk li japplikaw għall-metodi ta' tkessiħ definiti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 543/2008. Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġu stipulati l-valuri tal-limitu li għandhom japplikaw meta jintużaw metodi ġodda ta' tkessiħ.

(5) Billi t-teknoloġiji l-ġodda tat-tkessiħ tal-karkassi tat-tjur jiġu esplorati biex itejbu l-kwalità ġenerali tal-laħam tat-tjur, il-valuri tal-limitu għal dawn il-metodi ta' tkessiħ ġodda ma għandhomx jaqbżu l-valuri tal-limitu l-aktar baxxi stipulati għall-metodu tat-tkessiħ bl-arja.

(6) L-Anness XI tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008, jelenka l-lista tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti ta' Malta nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-dożinjazzjoni l-ġdida tal-laboraturju ta' referenza nazzjonali tagħhom.

(7) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 543/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi VI sa IX u l-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 543/2008 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 17.6.2008, p. 46.

ANNESS

L-Annessi VI sa IX u l-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 543/2008 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness VI, il-punt 7 jinbidel b'dan li ġej:

"7. *L-evalwazzjoni tar-riżultat*

Jekk it-telf medju tal-ilma tal-20 karkassa fil-kampjun malli jinħall is-silġ jaqbeż il-perċentwali mogħtija hawn taħt, l-ammont ta' ilma assorbit matul l-ipproċessar jitqies li jaqbeż il-limitu permissibbli.

Il-perċentwali huma, fil-każ ta':

tkessiħ bl-arja: 1,5 %,

tkessiħ b'raxx ta' arja: 3,3 %,

tkessiħ b'immersjoni: 5,1 %.

metodu ta' tkessiħ ieħor jew taħlita ta' żewġ metodi jew aktar definiti fl-Artikolu 10:1,5 %"

(2) Fl-Anness VII, il-punt 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. *Kalkolu tar-riżultati*

6.1. (a) Il-piż tal-ilma (W) f'kull karkassa għandu jingħata b'aP_1/100, u l-piż tal-proteina (RP) b'bP_1/100, u dawn it-tnejn għandhom jiġu espressi fi grammi. Għandhom jiġu stabbiliti t-totali tal-piżijiet tal-ilma (W_7) u l-piżijiet tal-proteina (RP_7) fis-seba' karkassi analizzati.

(b) Fil-każ ta' analiżi ta' kampjun kompost, il-kontenut medju tal-ilma u tal-proteina miż-żewġ kampjuni analizzati għandu jiġi stabbilit sabiex jagħti a % u b %, rispettivament. Il-piż tal-ilma (W_7) fis-seba' karkassi għandu jingħata b'aP_7/100, u l-piż tal-proteina (RP_7) b'bP_7/100, u t-tnejn huma espressi fi grammi.

6.2. Il-piż medju tal-ilma (W_A) u tal-proteini (RP_A) għandu jiġi kkalkulat billi W_7 u RP_7 jiġu diviżi rispettivament, b'sebgħa.

6.3. Il-kontenut teoretiku fiżjoloġiku tal-ilma, kif espress b'dan il-metodu, jista' jiġi kkalkulat billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

għat-tiġieġ: $3,53 \times RP_A + 23$.

6.4. (a) Tkessiħ bl-arja

Jekk il-kontenut minimu tal-ilma li teknikament ma jistax ikun evitat milli jiġi assorbit matul il-preparazzjoni jammonta għal 2 % (*), l-ogħla limitu permessibbli għall-kontenut totali tal-ilma (W_G) fi grammi kif stabbilit b'dan il-metodu għandu jiġi mogħti bil-formola li ġejja (inkluż l-intervall ta' kunfidenza (ta' fiduċja)):

għat-tiġieġ: $W_G = 3,65 \times RP_A + 42$.

(b) Tkessiħ b'raxx ta' arja

Jekk il-kontenut minimu tal-ilma li teknikament ma jistax ikun evitat milli jiġi assorbit matul il-preparazzjoni jammonta għal 4.5 % (*), l-ogħla limitu permessibbli għall-kontenut totali tal-ilma (W_G) fi grammi kif stabbilit b'dan il-metodu għandu jiġi mogħti bil-formola li ġejja (inkluż l-intervall ta' kunfidenza (ta' fiduċja)):

għat-tiġieġ: $W_G = 3,79 \times RP_A + 42$.

(c) Tkessiħ b'immersjoni

Jekk il-kontenut minimu tal-ilma li teknikament ma jistax ikun evitat milli jiġi assorbit matul il-preparazzjoni jammonta għal 7 % (*), l-ogħla limitu permessibbli għall-kontenut totali tal-ilma (W_G) fi grammi kif stabbilit b'dan il-metodu għandu jiġi mogħti bil-formola li ġejja (inkluż l-intervall ta' kunfidenza (ta' fiduċja)):

għat-tiġieġ: $W_G = 3,93 \times RP_A + 42$.

(d) Metodi oħra ta' tkessiħ jew taħlita ta' żewġ metodi jew aktar mill-metodi definiti fl-Artikolu 10

Jekk il-kontenut minimu tal-ilma li teknikament ma jistax jiġi evitat milli jiġi assorbit matul il-preparazzjoni jammonta għal 2 % (*), l-ogħla limitu permessibbli għall-kontenut totali tal-ilma (W_G) fi grammi kif stabbilit b'dan il-metodu għandu jiġi mogħti bil-formola li ġejja (inkluż l-intervall ta' kunfidenza (ta' fiduċja)):

għat-tiġieġ: $W_G = 3,65 \times RP_A + 42$.

6.5. Jekk il-kontenut medju tal-ilma (W_A) tas-seba' karkassi kif ikkalkulat skont il-punt 6.2 ma jaqbiżx il-valur mogħti f'6.4 (W_G), il-kwantità tat-tjur soġġetta għall-kontroll għandha titqies ta' livell standard.

(*) Ikkalkulat abbażi tal-karkassa, bl-esklużjoni tal-ilma barrani assorbit.'

(3) Fl-Anness VIII, il-punt 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. *Kalkolu tar-riżultati*

6.1. (a) Il-piż tal-ilma (W) f'kull karkassa għandu jingħata b'aP_1/100, u l-piż tal-proteina (RP) b'bP_1/100, u t-tnejn li huma għandhom jiġu espressi fi grammi.

Għandu jiġi stabbilit it-total tal-piżijiet tal-ilma (W_5) u tal-piżijiet tal-proteina (RP_5) fil-ħames qatgħat analizzati.

(b) Fil-każ ta' analiżi ta' kampjun kompost, il-kontenut medju tal-ilma u tal-proteina miż-żewġ kampjuni analizzati għandu jiġi stabbilit sabiex jagħti a % u b %, rispettivament. Il-piż tal-ilma (W_5) fil-ħames qatgħat għandu jingħata b'aP_5/100, u l-piż tal-proteina (RP_5) b'bP_5/100, u t-tnejn li huma għandhom jiġu espressi fi grammi.

6.2. Il-piż medju tal-ilma (W_A) u tal-proteina (RP_A) għandu jiġi kkalkolat billi wieħed jiddividi W_5 u RP_5 rispettivament, b'ħamsa.

6.3. Il-proporzjon tal-medja fiżjoloġika W/RP kif stabbilit b'dan il-metodu huwa kif ġej:

flett tas-sidra tat-tiġieġ: 3,19 ± 0,12,

saqajn u robbi tas-saqajn tat-tiġieġ: 3,78 ± 0,19,

flett tas-sidra tad-dundjan: 3,05 ± 0,15,

saqajn tad-dundjan: 3,58 ± 0,15,

laħam dissussat tas-saqajn tad-dundjan: 3,65 ± 0,17.

6.4. Jekk nassumu li l-kontenut minimu tal-ilma li teknikament ma jistax jiġi assorbit matul il-preparazzjoni jkun jammonta għal 2 %, 4 % jew 6 % (*) skont it-tip ta' prodotti u l-metodi ta' tkessiħ applikati, l-ogħla proporzjon ta' W/RP permessibbli kif stabbilit b'dan il-metodu għandu jkun kif ġej:

	Tkessiħ bl-arja	Tkessiħ b'raxx ta' arja:	Tkessiħ b'immersjoni
Flett tas-sidra tat-tiġieġ: mingħajr ġilda	3,40	3,40	3,40
Sidra tat-tiġieġ: bil-ġilda	3,40	3,50	3,60
Koxox (parti ta' fuq) tat-tiġieġ, isfel tal-koxox (drumsticks), saqajn, saqajn b'porzjon mid-dahar, robbi (kwarti) tas-saqajn, bil-ġilda	4,05	4,15	4,30
Flett tas-sidra tad-dundjan; mingħajr ġilda	3,40	3,40	3,40
Sidra tad-dundjan, bil-ġilda	3,40	3,50	3,60
Koxox tad-dundjan, isfel tal-koxox, saqajn, bil-ġilda	3,80	3,90	4,05
Laħam dissussat tas-saqajn tad-dundjan, mingħajr ġilda	3,95	3,95	3,95

Fil-każ ta' metodi oħra ta' tkessiħ jew taħlita ta' żewġ metodi jew aktar minn dawk definiti fl-Artikolu 10, il-kontenut tal-ilma li ma jistax jiġi evitat li jammonta għal 2 % u l-ogħla proporzjonijiet permessibbli W/PR huma dawk iffissati għall-metodu ta' tkessiħ bl-arja fit-tabella hawn fuq.

Jekk il-proporzjon tal-medja W_A/RP_A tal-ħames qatgħat kif ikkalkulat mill-valuri fil-punt 6.2 ma jkunx aktar mill-proporzjon mogħti fil-punt 6.4, il-kwantità tal-qatgħat tat-tjur soġġetta għall-kontroll għandha titqies li tilħaq il-livell standard.

(*) Ikkalkulat fuq il-bażi tal-qatgħa, mingħajr ilma barrani assorbit. Għall-fillets (bla ġilda) u laħam dissussat tas-saqajn tad-dundjan, il-perċentwal huwa ta' 2 % għal kull wieħed mill-metodi ta' tkessiħ."

(4) Fl-Anness IX, jiżdied il-punt 11 li ġej:

"11. F'każijiet fejn il-karkassi jitkessħu b'metodu ieħor ta' tkessiħ jew b'taħlita ta' żewġ metodi jew aktar minn dawk definiti fl-Artikolu 10, il-perċentwal massimu tal-kontenut tal-ilma ma għandux ikun aktar minn 0 % tal-piż oriġinali tal-karkassa."

(5) Fl-Anness XI, l-entrata rigward Malta tinbidel b'dan li ġej:

"**Malta**

Id-Direttorat tas-Servizzi tal-Laboratorji tal-MCCAA
L-Istitut tal-Istandards u l-Metroloġija
L-Awtorità Maltija tal-Kompetizzjoni u tal-Affarijiet tal-Konsumatur
F22, Mosta Technopark
Il-Mosta MST3000
Malta"